# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Patrick Cutajar**

**6 ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Patrick Cutajar (I.D. 16274(M) iben Victor u Dolores nee' Camenzuli imwieled fil-17.12.1973 u joqghod 33 Pour L-infinite' Triq il-Germanja Naxxar akkuzat talli fit-8 ta' Frar, 2022 ghall-habta ta' 12:45 hrs u 1300hrs fi Triq Vincenzo Bugeja Floriana, soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni VDP 894.

1. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernardette Aquilina skond kif iccertifikat Dr Maria Micallef MD mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Semghet ix-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l- Kap. 9 Art 226 (1) (b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**PC 1308 Adrian Penza** xehed saljentement hekk

Xhud: “Iva nahlef, Ahna fit-8 ta` Frar, 2022 ghall-habta ta` siegha ta` wara nofs in-nhar konnha xoghol l-Ghassa l-Belt, ircevejna telefonata li kien hemm persuna b`vettura mara waqt li kienet ghaddeja minn triq Vincenzo Bugeja il-Furjana inzilna jiena u PC

1101 fuq il-post fejn sibna lil Bernardette Aquilina kienet qeghda bil-qeghda fuq bank waqt li Patrick Cutajar kien qieghed hemmekk hdejha biex jara x`inqala ahna hadna il-verzjonijiet taghhom it-tnejn fejn is-sinjura qaltilna li kienet qeghda taqsam minn fuq iz-zebra crossing x`hin wasslet fl-ahhar il-vettura VDP 894 misjuqa mis-sinjur bir-rota ta wara laqtitilha saqajha u rikbet fuq sieqha tan-naha tax-xellug x`hin kellimna lis-sinjur umbaghad qalilna li hu x`hin kien ghaddej minn hemmekk semgha l-ghajjat baqa` niezel fejn id-Depot x`hin semgha l-ghajjat rega dawwar ghax haseb li hu kien l-incident li sar.

Pros: M`ghandix iktar domandi.

Avu: Dan l-incident fejn gara?

Xhud: Triq Vincenzo Bugeja x`hin iddur mal-Mall il-Furjana sejjer lejn id-Depot fejn il-Pie Master.

**Bernardette Aquilina** xehedetsaljentement hekk

Xhud: Iva jiena kont qed naqsam fit-8 ta` Frar tas-sena l-ohra kont wasalt f`nofs iz-zebra crossing.

Qorti: Fejn kont qed taqsam?

Xhud: Il-Furjana in-nizla tad-Depot u kif qed naqsam iz-zebra crossing dar gas down mil-kantuniera tal-gnien baqa` gej ma waqafx u jiena kif kont qed naqam tlaqt nigri u nqabadli saqajja li ghadda minn warajja u ghaffigli saqajja huwa baqa` sejjer kellhom ituni l-ghajnuna in-nies umbaghad gie kwazi wasslu l-Pulizija,

Qorti: Gie min sinjura?

Xhud: Dan li ghadda minn saqajja.

Qorti: Qiegehd prezenti fl-awla?

Xhud: Ehe is-sinjur.

Qorti: Ix-xhud indikat lil imputat.

Pros: Issa inti kont qsamt minn naha tal-hwienet tal-parking jew mil-parking ghan-naha l-ohra?

Xhud: Minn naha tal-hwienet ghan-naha l-ohra.

Xhud: Jien qed naqsam minn naha tal-hwienet kont fuq iz-Zebra crossing hu gie minn fejn il-gnien tal-Furjana

**It-Tabiba Maria Micallef** xehdet permezz ta’ affidavit dwar il-griehi ta’ Bernardette Aquilina

**Ikkunsidrat**

L-imputat ma hax id-dovuti prekawzjonijiet fil-vicinanzi u fuq Zebra crossing u wera nuqqas kbir ta’ *proper lookout* u bhekk l-imputazzjoni tirrizulta ampjament.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Kap. 9 Art 226 (1)(b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal multa ta’ elfejn u tlett mitt ewro (2300), tletin gurnata skwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan u 8 punti fuq il-licenzji kollha tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**